

32005R1177

L 189/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

21.7.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1177/2005

ta' l-20 ta' Lulju 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1238/95 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 fir-rigward ta' ħlasijiet li għandhom isiru lill-Uffiċċju Komunitarju għall-Varjetajiet ta' Pjanti

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar id-drittijiet Komunitarji għall-varjetajiet ta' pjanti ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kunsill Amministrattiv,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1238/95 tal-31 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 fir-rigward ta' ħlasijiet li għandhom isiru lill-Uffiċċju Komunitarju għall-Varjetajiet ta' Pjanti jiffissa l-ħlasijiet mitluba mill-Uffiċċju Komunitarju għall-Varjetajiet ta' Pjanti ⁽²⁾ ("l-Uffiċċju"), u l-livelli ta' dawk il-ħlasijiet.
- (2) Huwa mistenni li, għall-inqas sa l-aħħar ta' l-2005, ir-riżerva finanzjarja ta' l-Uffiċċju ser taqbeż l-ammont meħtieġ sabiex titħares il-kontinwità ta' l-operat tiegħu. Il-miżata annwali li għandha titħallas lill-Uffiċċju minn detenturi ta' drittijiet Komunitarji għall-varjetajiet ta' pjanti għas-snin 2006 u 2007 u l-ħlasijiet marbuta ma' l-eżamijiet tekniċi fis-sena 2006 għalhekk m'għandhomx jizjeddu kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1238/95.
- (3) Id-dispożizzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1238/95 dwar ħlasijiet għall-ħruġ ta' kopji għandha tkun emendata sabiex tiġi meqjusa l-emenda tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1239/95 tal-31 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 fir-rigward tal-proċeduri quddiem l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet ta' Pjanti ⁽³⁾ bir-Regolament (KE) Nru 1002/2005.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1238/95 għandu għalhekk ikun emendat kif jixraq.

- (5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Komitat Permanenti dwar id-Drittijiet Komunitarji għall-Varjetajiet tal-Pjanti.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1238/95 huwa emendat kif ġej:

- 1) Fl-Artikolu 9, l-paragrafu 1 jinbidel b'li ġej:

"1. L-Uffiċċju ser jitlob lil detentur ta' dritt Komunitarju għall-varjetajiet ta' pjanti (minn hawn 'il quddiem 'id-detentur') miżata għal kull sena li fiha jkun validu dritt Komunitarju għall-varjetajiet ta' pjanti (miżata annwali ta' EUR 300 għas-snin 2003 sa l-2007 u ta' EUR 435 għas-sena 2008 u s-snin ta' wara."

- 2) Fl-Artikolu 12(1), il-punt (b) jinbidel b'li ġej:

"b) Ħlasijiet għall-ħruġ ta' kopji ċertifikati ta' dokumenti; u"

- 3) Fl-Anness I, it-tabella hija emendata kif ġej:

- a) L-intestatura tat-tieni kolonna tinbidel b'li ġej:

"Miżata għas-snin 2003 sa l-2006"

- b) L-intestatura tat-tielet kolonna tinbidel b'li ġej:

"Miżata għas-sena 2007 u ta' wara"

(1) ĠU L 227, tal-1.9.1994, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 873/2004 (ĠU L 162, tat-30.4.2004, p. 38).

(2) ĠU L 121, tal-1.6.1995, p. 31. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 569/2003 (ĠU L 82, tad-29.3.2003, p. 13).

(3) ĠU L 121, tal-1.6.1995, p. 37. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1002/2005 (ĠU L 170, tal 1.7.2005, p. 7).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament ser jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-20 ta' Lulju 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membri tal-Kummissjoni
